**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 52/09**

**M. S. & A. Developments Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors pprezentat mis-socjetà M. S. & A. Developments Limited quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fil-15 ta' Gunju 2004, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob illi t-taxxa kollha u it-taxxa addizzjonali imposta fir-rigward tat-trasferiment tat-12 ta' Dicembru 2001, kif konfermati bid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-18 ta' Mejju 2004, tigi mhassra u revokata u konsegwentement jigi dikjarat li ebda taxxa ohra ma hija minnha dovuta in konnessjoni ma' tali trasferiment;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li ghar-ragunijiet moghtija minnu fid-decizjoni tieghu tat-18 ta' Mejju 2004, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti dwar trasferiment ta' immobbli a favur is-socjetà Rikorrenti bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard datat 12 ta' Dicembru 2001, hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 7 sa' 11 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Anton Camilleri, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2011[1], ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà

[1] Fol. 18 u 19 tal-process.

Rikorrenti, ossia rapport tal-Perit David Vassallo u dokumenti annessi mieghu, permezz ta' Nota pprezentata fid-9 ta' Gunju 2011 a fol. 20 sa' 50 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2011[2];

Ra li b'Digriet moghti fid-9 ta' Frar 2012 it-Tribunal ordna li fir-Rikors promotur u fl-atti kollha ta' dawn il-proceduri il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh bis-sahha ta' l-Avviz Legali 16 ta' 2012;

Ra r-Rapport ta' l-Assistent Tekniku tat-Tribunal, il-Perit Elena Borg Costanzi, a fol. 66 sa' 75 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tattakka Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV058624 datata 18 ta' Mejju 2004[3] mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mat-trasferiment, ossia akkwist, ta' sehem ta' 1/3 indiviz mill-porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala "Tal-Franciz" formanti parti mit-territorju wkoll maghruf bhala "Tal-Franciz", Swieqi, limiti ta' San Giljan, già fil-limiti ta' Birkirkara, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 12 ta' Dicembru 2001, in forza ta' liema Likwidazzjoni ta' Taxxa l-Kummissarju tat-Taxxi Intenri, illum Kummissarju tat-Taxxi, jesigi hlas tas-somma ta' Lm3,275.00 [illum ekwivalenti ghal €7,628.70] bhala taxxa ulterjuri fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' Lm65,500 [illum ekwivalenti ghal €152,573.96] u tas-somma ta' Lm6,550.00 [€15,257.40] bhala taxxa addizzjonali, ghall-valur totali ta' Lm9,825.00 [illum ekwivalenti ghal €22,886.09]. Is-socjetà Rikorrenti tikkontesta wkoll id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in forza ta' liema rrifjyta l-oggezzjoni taghha mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni u minflok ikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa[4].

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment kien il-prezz reali u veritier tat-trasferiment u ma kien hemm l-ebda konsiderazzjoni ohra ghat-trasferiment in kwistjoni hlief ghal dak l-ammont. Hija ssostni li kien hemm diversi fatturi inerenti fin-negozju li ddettaw il-valur tal-proprjetà trasferita fosthom *il-fatt ta' l-indivizjoni tal-proprjetà u problemi dwar ir-ricerki fuq l-istess art li kienu jincidu negattivament fuq il-*

[2] Fol. 59 sa' 61 tal-process.

[3] Dok. "B" a fol. 9 tal-process.

[4] Fol. 1 sa' 3 tal-process.

*prezz li din il-proprjetà kellha ggib fis-suq.* In kwantu rigwarda t-taxxa addizzjonali imposta fuqha, is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *fl-assenza ta' kull prova ta' agir hazin jew habi ta' xi parti mill-prezz jew dikjarazzjoni eronea da parti ta' l-appellant ma kienx gust u skond il-ligi li tigi imposta taxxa addizzjonali kif giet imposta fil-kaz prezenti. Ladarba huwa pacifiku li fuq in-naha ta' l-appellant ma kien hemm l-ebda htija u l-kwistjoni hija purament teknika u tincidi fuq biss u ddur fuq il-valur li ghandha tigi ikkalkulata li tiswa l-art ma kienx hemm lok fit-termini tal-ligi li tigi imposta taxxa addizzjonali, u certament mhux fl-ammont li giet fil-fatt imposta*[5].

A bazi ta' dawn l-aggravji s-socjetà Rikorrenti titlob li t-taxxa kollha u t-taxxa addizzjonali imposti fuqha fir-rigward ta' l-akkwist tal-proprjetà mertu ta' dawn il-proceduri, ossia sehem ta' 1/3 indiviz (iktar 'il quddiem imsejjah is-sehem ta' 1/3 indiviz) tal-porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala "Tal-Franciz" (iktar 'il quddiem imsejjha l-porzjoni diviza ta' art) formanti parti mit-territorju ukoll maghruf bhala "Tal-Franciz", Swieqi, limiti ta' San Giljan, già limiti ta' Birkirkara, bis-sahha ta' kuntratt datat 12 ta' Dicembru 2001, jigu imhassra u revokati u minflok jigi dikjarat li ebda taxxa ohra ma hija dovuta minnha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jikkontesta l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bin-Numru IV058624 relattiva ghat-trasferiment tas-sehem indiviz u jitlob li l-istess jigi michud stante li ghar-ragunijiet moghtija minnu fid-decizjoni datata 18 ta' Mejju 2004, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni hija gusta u timmerita konferma.

Mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 12 ta' Dicembru 2001, is-socjetà Rikorrenti akkwistat minghand Paul Mercieca, li kien qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' Walter Beatty u Lydia Mattei fil-kapacità taghhom ta' *joint trustees* tal-*Will Trust* tal-mejjet Gerald Mattei, *one third (1/3) undivided share of the divided portion of land known as "Tal-Franciz", forming part of the territory also known as "Tal-Franciz" at Swieqi, in the limits of Saint Julians, formerly known as being in the limits of Birkirkara, which divided portion of land measures approximately one thousand eight hundred and eighty square metres (1880s.q.m.) within an approved building scheme, with all its rights and appurtenances, ... free and unencumbered from all burdens, groundrents, servitudes, hypothecs and privileges, free from expropriation, as leased to a certain Carmel Micallef, otherwise free from all other rights both real and personal in favour of third parties,*versu l-prezz ta' Lm75,000.00 [illum ekwivlenti ghal €174,703.00][6].

---

[5] Rikors promotur, fol. 5 tal-process.

[6] Fol. 23 sa' 49 tal-process.

Il-Perit Carmel Cacopardo, appuntat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jaghmel stima tas-sehem ta' 1/3 indiviz hekk trasferit/akkwistat ghall-fini li jigi determinat il-valur reali ta' tali sehem indiviz, ivvaluta l-porzjoni diviza ta' art tal-kejl komplessiv ta' 1,880m.k. ghall-valur ta' Lm421,500 [illum ekwivalenti ghal €981,830.89] u konsegwentement ghalhekk is-sehem ta' 1/3 indiviz akkwistat mis-socjetà Rikorrenti gie stmat ghall-valur ta' Lm140,500 [€327,276.96]. A bazi ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti, ossia fl-2001, u peress illi l-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment kien inqas minn 85% tal-valur stmat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju pproceda biex johrog Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, liema Likwidazzjoni ta' Taxxa qed tigi hawn appuntu kontestata.

Anton Camilleri, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, iddikjara li l-valur stamt mill-Perit Cacopardo ma jirriflettix il-valur reali tas-sehem ta' 1/3 indiviz akkwistat mis-socjetà Rikrorenti bil-kuntratt datat 12 ta' Dicembru 2001, ghaliex *apparti l-fatt li jiena kont xtrajt sehem indiviz, kellha mankamenti ohra din l-istess proprjetà fis-sens li kienet okkupata minn bidwi u kien hemm pretensjonijiet ta' terzi fuqha jigifieri kien hemm terzi persuni li qed jghidu li l-art hija proprjetà taghhom u anki kien hemm kwistjonijiet il-Qorti*[7]. Is-sostenn ta' dak affermat minn Anton Camilleri s-socjetà Rikorrenti pprezentat rapport tal-Perit David Vassallo[8] dwar il-valutazzjoni tal-porzjoni diviza ta' art mertu tal-kontestazzjoni fejn fost affarijiet ohra jghid li *at the date of purchase, the said land was leased to third parties (as clearly stated in clause 5 of the contract) and hence, the purchaser had to pay the then occupiers a considerable sum of money to vacate the said land*[9] u esebiet ukoll, bhala parti mill-inkartament tal-Perit Vassallo, il-kuntratt ta' trasferiment in kwistjoni[10] li, kif già iktar 'l fuq citat, jipprovdi li l-porzjoni diviza ta' art li minnha s-socjetà Rikorrenti kienet qed tixtri sehem ta' 1/3 indiviz, kienet qed tigi trasferita *free and unencumbered from all burdens, groundrents, servitudes, hypothecs and privileges, free from expropriation, as leased to a certain Carmel Micallef*[11]*, otherwise free fromm al other rights both real and personal in favour of third parties.* Fl-imsemmi kuntratt hemm stipulat ukoll illi *the said land is being sold as leased and it shall be the exclusive responsibility of the Purchaser to obtain the vacant possession of the land. Any claim for compensation of any sort by the tenant is to be borne by the Purchaser*[12].

[7] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2001, fol. 18 u 19 tal-process.

[8] Vide rapport datat 16 ta' Mejju 2011 u dokumenti annessi mieghu, a fol. 21 sa' 50 tal-process.

[9] Para. V tar-rapport tal-Perit David Vassallo.

[10] Fol. 23 sa' 50 tal-process.

[11] Sottolinear tat-Tribunal.

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, tramite ix-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo, jikkontendi li s-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-porzjoni diviza ta' art li minnha akkwistat sehem ta' 1/3 indiviz kienet effettivament okkupata minn terzi persuni. F'tali rigward il-Perit Cacopardo xehed illi *jiena kont inkarigat tliet darbiet differenti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex nispezzjona dik l-art: darba minnhom fuq il-kaz odjern ghat-trasferiment ta' terz, darba' ohra xi trasferiment ta' zewg terzi u l-ohra, u darb' ohra bejniethom kienet fuq trasferiment ta' causa mortis li eventwalment biegh l-art in kwistjoni. Fit-tlett darbiet stmajtha bejn wiehed u iehor l-istess ammonti u fl-ahhar kaz in kwistjoni stmajtha Lm421,500* (ghat-totalità). *Niftakar li kien hemm kwistjoni li kienet running through it-tliet kazijiet li kienet jekk l-art kienetx soggetta ghall-qbiela. <u>Fil-fatt meta mort fuq il-post l-art ma kienitx tidher tinhadem u kien ilha zmien twil ma tinhadem u jiena gbidt l-attenzjoni li jekk ninghata prova li kien hemm qbiela nirrikonsidra l-affarijiet però fuq din il-haga qatt ma inghatajt</u>*[13].

Huwa evidenti ghalhekk li l-Perit Cacopardo ivvaluta l-porzjoni diviza ta' art u konsegwentement ghalhekk is-sehem ta' 1/3 indiviz akkwistat mis-socjetà Rikorrenti, bhala trasferita bil-pussess vakanti u mhux soggetta ghad-drittijiet, senjatament ta' lokazzjoni, favur terzi.

It-Tribunal huwa tal-fehma però li ghalkemm il-Perit Cacopardo jghid li fiz-zmien meta spezzjona l-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni din ma kenitx tidher li qed tinhadem, b'daqshekk ma jfissirx li s-socjetà Rikorrenti akkwistat tali porzjoni ta' art – jew ahjar sehem ta' 1/3 indiviz – bil-pussess vakanti. Il-kuntratt ta' trasferiment – li innegabilment huwa att pubbliku u kwindi ghandu certa valur probatorju – kjarament jipprovdi li l-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni kienet *leased to a certain Carmel Micallef* u addirittura gie stipulat u miftiehem li *the said land is being sold as leased and it shall be the exclusive responsibility of the Purchaser to obtain the vacant possession of the land. Any claim for compensation of any sort by the tenant is to be borne by the Purchaser.* Nonostante dak provdut fil-kuntratt però, rifless ukoll fl-Avviz dwar it-Trasferiment notifikat lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (Capital Transfers Unit) fil-21 ta' Dicembru 2001[14] fejn fid-deskrizzjoni tal-proprjetà gie dikjarat li l-porzjoni diviza ta' art li minnha is-socjetà Rikorrenti akkwistat sehem ta' 1/3 indiviz, kienet qed tigi trasferita *as leased to a certain Carmel Micallef*, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bbaza d-decizjoni finali tieghu dwar il-valur reali tas-sehem indiviz akkwistat mis-socjetà Rikorrenti fuq is-semplici affermazzjoni u konsegwenti assunzjoni tal-Perit Carmel Cacopardo li ladarba l-art ma kenitx tidher qed tinhadem ma setghax kien hemm tali titolu ta' qbiela favur terzi persuni.

---

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2011, fol. 59 sa' 61 tal-process. Sottolinear tat-Tribunal.

[14] Dok. "A" a fol. 7 tal-process.

It-Tribunal ma jistghax jifhem kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghazel li jistrih fuq din l-assunzjoni tal-Perit Cacopardo minflok ma jaccetta bhala veritier dak provdut u stipulat fil-kuntratt ta' trasferiment dwar il-fatt li l-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni kienet soggetta ghal titolu ta' qbiela a favur terzi – fatt dan, jigi ribadit, rifless fl-Avviz dwar it-Trasferiment notifikat lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (Capital Transfers Unit) – meta ma jirrizultax li kellu provi ohra li juru li l-kuntratt ta' trasferiment ma kienx jirrifletti l-kondizzjonijiet veri ta' tali trasferiment, konstatazzjoni din del resto ghal kollox essenzjali ghall-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali fuq il-partijiet kontraenti, taxxa addizzjonali li effettivament imposta fuq is-socjetà Rikorrenti f'dan il-kaz.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk f'dan il-kaz il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal ghad-decizjoni finali tieghu dwar il-valur tas-sehem ta' 1/3 indiviz mill-porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala "Tal-Franciz" akkwistat mis-socjetà Rikorrenti b'kuntratt datat 12 ta' Dicembru 2001, b'mod superficjali bil-konsegwenza ghalhekk li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV058624 datata 18 ta' Mejju 2004 mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti a bazi ta' l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo, hija eccessiva.

Apparte dan kollu appena osservat mill-atti processwali u senjatament mir-Rapport ta' l-Assistent Tekniku tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi[15], jirrizulta li skond l-imsemmija Perit il-valur reali tas-sehem ta' 1/3 indiviz mill-porzjoni diviza ta' art akkwistat mis-socjetà Rikorrenti fl-2001 huwa ta' €150,000.00 ekwivalenti ghal Lm64,395.00, valur dan ferm inqas mill-valur ta' Lm140,500, illum ekwivalenti ghal €327,276.96, stmat mill-Perit Cacopardo.

L-Assistent Tekniku tat-Tribunal waslet ghal dan il-valur in bazi ghas-segwenti konstatazzjonijiet: *il-fond inxtara fl-2001 u l-esponenti ghandha taghti valur reali tal-fond ta' dak il-perijodu. Illi l-fond jikkonsisti minn bicca art go l-ischeme li dak iz-zmien kien regolat mit-Temporary Provisions Schemes (vide Doc. C, D) mahrugin mill-PAPB u li baqghu jintuzaw mill-MEPA sa' l-2006. Illi fuq il-fond, skond il-Temporary Provisions Schemes, wiehed jista' jibni biss sem-detached villas ghall-uzu residenzjali. Skond l-art, li hija skuntrata hafna u li ghandha frontage fuq it-tlett toroq imsemmija, wiehed jista' go art li tkopri madwar 1880 metru kwadru ifassal erba' plots li fuqhom jistghu jinbnew il-villel skond il-permess (vide Doc. E). Illi dak iz-zmien ta' meta nxtrat l-art ma kienx hemm permessi fuq il-fond per se, allavolja fl-inhawi kienu mibnija u faccata kien hemm, u ghad hemm, veduta sabiha. Il-proprjetà hija libera u franka. Illi meta nxtara l-fond kien hemm kirja ma' terzi persuni, kif deskritt fil-kuntratt. Illi nxtrat terz indiviz ta' din l-art li tifforma parti diviza ta' medda art li mhijiex fiz-zona ta' l-izvilupp. Illi skond ir-ricerki ta' l-esponenti jirrizulta li l-valur ta' tomna art f'dawk l-*

[15] Fol. 66 u 67 tal-process.

*inhawi fl-2001 fejn wiehed jista' jibni semi-detached villa u garaxxijiet annessi kien ta' madwar Euro 250,000. Meta wiehed jikkonsidra area ta' 1880 metru kwadru il-valur jista' sa' Euro 470,000. Illi jekk tikkonsidra l-fatt li l-art hija mxattra, mhux il-plots kollha kien ha jkollhom il-veduta u li l-fond kien okkupat min kerrej dak iz-zmien, il-valur jinzel ghal Euro 450,000.*

Minn ezami tar-Rapport ta' l-Assistent Tekniku tat-Tribunal jirrizulta li hija waslet ghall-figura ta' €470,000 (ghat-totalità) in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula dwar l-istat tal-proprjetà in kwistjoni, ossia l-limitazzjoni dwar l-izvilupp kemm minhabba *policies* ta' bini kif ukoll fizjonomija ta' l-art innifisha, minghajr ebda konsiderazzjoni dwar drittijiet ta' terzi fuq l-istess. In effetti meta hadet in konsiderazzjoni l-kirja li ghaliha jidher li kienet soggetta l-porzjon divisa ta' art in kwistjoni l-valur rega' naqas ghal €450,000 (ghat-totalità). Mill-banda l-ohra jekk wiehed jara x-xhieda li ta l-Perit Carmel Cacopardo waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2011[16], jinduna mill-ewwel li l-imsemmi Perit ma ta l-ebda gustifikazzjoni jew spjegazzjoni dwar kif wasal ghall-valur (ghat-totallità) ta' Lm421,500. Kull ma qal fir-rigward hu li *jiena kont inkarigat tliet darbiet differenti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex nispezzjona dik l-art: darba minnhom fuq il-kaz odjern ghat-trasferiment tat-terz, darba ohra xi trasferiment taz-zewg terzi u l-ohra u darba ohra bejniethom kienet fuq trasferiment ta' causa mortis li eventwalment biegh l-art in kwistjoni. Fit-tlett darbiet stmajtha bejn wiehed u iehor l-istess ammonti u fl-ahhar kaz in kwistjoni stmajtha Lm421,500.*

Iffaccjat b'sitwazzjoni bhal din, fejn min-naha l-wahda ghandu valur ghat-totallità ta' Lm421,500 (€981,830.88) minghajr però ebda spjegazzjoni ghal tali valur, u min-naha l-ohra valur, dejjem ghat-totalità, ta' €470,000 (Lm201,771), liema valur gie ben spjegat u gustifikat, it-Tribunal ma jistax ghajr li jqis li huwa l-valur ta' €470,000 (Lm201,771) li l-iktar jirrifletti l-valur reali porzjoni diviza ta' art in kwistjoni fl-2001, ossia s-sena ta' l-akkwist da parte tas-socjetà Rikorrenti ta' sehem ta' 1/3 indiviz mill-imsemmija art.

Jekk wiehed kellu jiehu l-valur ta' €470,000, li huwa l-valur tal-porzjoni diviza ta' art minghajr ebda konsiderazzjoni dwar id-drittijiet ta' terzi fuq l-istess art u kwindi fl-aghar ipotesi ghas-socjetà Rikorrenti li tikkontendi li l-kirja favur terzi l-iktar li effettwat il-valur ta' l-art u konsegwentement tas-sehem indiviz akkwistat minnha, jirrizulta li l-valur ta' sehem ta' 1/3 indiviz jigi ghal €156,666.66, ekwivalenti ghal Lm67,256.99, li huwa valur inqas mill-prezz li bih is-socjetà Rikorrenti effettivament akkwistat is-sehem ta' 1/3 indiviz. B'hekk ifd-dawl ta' tali fatt il-provvedimenti ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif in vigore fl-2001 ma jsibux applikazzjoni fil-kaz in ezami.

---

[16] Fol. 59 sa' 61 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-12 ta' Mejju 2004 (ir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni) u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV058624 datata 18 ta' Mejju 2004, huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat-12 ta' Mejju 2004 (ir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni) u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV058624 datata 18 ta' Mejju 2004, u konsegwentament ihassar u jirrevoka l-istess imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**